



Brussell, 16 ta' April 2026  
(OR. en)

07463/26

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2026/0061(NLE)

---

---

TRANS 163

#### ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fid-59 sessjoni tal-Komitat ta' Esperti dwar it-Trasport ta' Oġġetti Perikolużi tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija fir-rigward ta' ċerti emendi fl-Appendiċi C tal-Konvenzjoni dwar it-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/...**

**ta' ...**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea  
fid-59 sessjoni tal-Kumitat ta' Esperti dwar it-Trasport ta' Oġġetti Perikolużi  
tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija  
fir-rigward ta' ċerti emendi fl-Appendiċi C  
tal-Konvenzjoni dwar it-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91, flimkien mal-Artikolu 218(9), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Unjoni ssiehbiet fil-Konvenzjoni dwar it-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (COTIF) tad-9 ta' Mejju 1980, kif emendata bil-Protokoll ta' Vilnius tat-3 ta' Ġunju 1999, permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/103/UE<sup>1</sup>.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 6 tal-COTIF, it-traffiku ferrovjarju internazzjonali u l-ammissjoni tal-materjal ferrovjarju għall-użu fit-traffiku internazzjonali, għandhom jiġu regolati mir-regoli elenkati f'dak Artikolu, b'mod partikolari r-Regolament dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi bil-Ferrovija (RID), li jifforma l-Appendiċi C tal-COTIF.
- (3) Id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup> tistabbilixxi rekwiżiti għat-trasport ta' oġġetti perikolużi bit-triq, bil-ferrovija jew bil-passaġġi fuq l-ilmijiet interni fl-Istati Membri jew bejniethom, b'referenza għall-RID.
- (4) F'konformità mal-Artikolu 18 tal-COTIF, il-Kumitat ta' Esperti dwar it-Trasport ta' Oġġetti Perikolużi tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija msemmi fl-Artikolu 13(1), il-punt (d), tal-COTIF ("il-Kumitat ta' Esperti tal-RID") jista' jadotta emendi, inter alia, għall-Anness tal-RID.

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/103/UE tas-16 ta' Ġunju 2011 dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija dwar l-Adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Konvenzjoni li tirrigwarda t-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (COTIF) tad-9 ta' Mejju 1980, kif emendata mill-Protokoll ta' Vilnius tat-3 ta' Ġunju 1999 (ĠU L 51, 23.2.2013, p. 1, ELI: [https://data.europa.eu/eli/dec/2013/103\(1\)/oj](https://data.europa.eu/eli/dec/2013/103(1)/oj)).

<sup>2</sup> Id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi (ĠU L 260, 30.9.2008, p. 13, ELI: <https://data.europa.eu/eli/dir/2008/68/oj>).

- (5) Il-Kumitat ta' Esperti tal-RID, waqt id-59 sessjoni tiegħu tat-28 ta' Mejju 2026, huwa mistenni jadotta emendi biex jadatta l-Anness tal-RID mal-progress xjentifiku u tekniku.
- (6) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat ta' Esperti tal-RID peress li l-emendi għall-RID se jkunu vinkolanti għall-Unjoni.
- (7) L-emendi previsti għandhom l-għan li jiżguraw it-trasport sikur u effiċjenti ta' oġġetti perikolużi bil-ferrovija filwaqt li jitqies il-progress xjentifiku u tekniku f'dak is-settur, kif ukoll l-iżvilupp ta' sustanzi u oġġetti ġodda li jistgħu joħolqu periklu matul it-trasport tagħhom.
- (8) L-emendi previsti jitqiesu xierqa għat-trasport sikur tal-oġġetti perikolużi b'mod kosteffettiv u għalhekk jenħtieġ li jiġu appoġġati.
- (9) Jista' jintlaħaq qbil dwar tibdiliet minuri fid-dokumenti msemmija fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni f'livell tekniku waqt l-20 sessjoni tal-grupp ta' ħidma permanenti tal-Kumitat ta' Esperti tal-RID tas-27 ta' Mejju 2026, inkluż abbażi ta' rakkomandazzjonijiet tal-Laqqha Konġunta tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti tal-Kumitat ta' Esperti tal-RID u l-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport ta' Oġġetti Perikolużi,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

1. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni waqt id-59 sessjoni tal-Kumitat ta' Esperti dwar it-Trasport ta' Oġġetti Perikolużi tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (“il-Kumitat ta' Esperti tal-RID”) fil-qafas tal-Konvenzjoni dwar it-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija tad-9 ta' Mejju 1980, kif emendata bil-Protokoll ta' Vilnius tat-3 ta' Ġunju 1999, għandha tkun kif stabbilita fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.
2. Jistgħu jiġu miftiehma bidliet minuri għad-dokumenti msemmija fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni mir-rappreżentanti tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat ta' Esperti tal-RID mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

### *Artikolu 2*

Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat ta' Esperti tal-RID għandhom jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, b'indikazzjoni tad-data tad-dħul fis-seħħ tagħhom.

### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

*Għall-Kunsill*

*Il-President*